PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2173(INI)

19.11.2008

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar Il-ħarsien tal-konsumaturi, l-aktar il-minorenni, għal dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-*videogames*
(2008/2173(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Angelilli

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jutilizzaw is-sistema fakultattiva Ewropea PEGI (Pan European Game Information) ta' informazzjoni fuq il-logħbiet, ġa applikata fil-maġġor parti tal-Istati Membri, li tikklassifika s-software tad-divertiment skont l-età bl-iskop li l-minuri ma jitħallewx ikunu esposti għal logħbiet li ma humiex adattati għalihom;

2. Jistieden lill-Istati Membri jissemplifikaw is-simboloġija tas-sistema PEGI bl-iskop li ssir aktar tinftiehem mill-ġenituri;

3. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tixrid tas-sistema PEGI fost il-manifatturi tal-*consoles* tal-logħob u fost il-bejjiegħa tal-ħwienet, u biex isiru azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-utilizzazzjoni tagħha għall-familji u l-edukaturi;

4. Jistieden lill-Istati Membri jippredisponu leġiżlazzjoni ad hoc, ta' natura ċivili u kriminali, dwar kemm il-bejgħ bl-imnut tal-*videogames* vjolenti għat-tfal, kif ukoll il-*videogames online*;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' filtru li jistgħu jinqdew bihom il-familji għal dak li għandu x'jaqsam mal-*videogames online*, b'attenzjoni partikolari għar-riskji konnessi mal-utilizzazzjoni tal-Internet;

6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu sistema ta' klassifikazzjoni pan-Ewropea għal etajiet differenti (awtoregolamentazzjoni jew koregolamentazzjoni) biex tiġi applikata f'kull teknoloġija, meta jiqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull mezz ta' komunikazzjoni li ma jistax jiġi kkatalogat b'faċilità, bħalma huwa l-Internet;

7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippredisponu kodiċi ta' mġiba pan-Ewropew relattiv għall-bejgħ bl-imnut lill-minuri ta' *videogames* bl-iskop li jiġu rresponsabbilizzati anki l-bejjiegħa;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jidħlu għal azzjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-għalliema tal-iskejjel bl-iskop li jimtela l-vojt teknoloġiku bejn il-ġenerazzjonijiet;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, in-netwerks u t-teknoloġiji eżistenti, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni intiżi biex ixerrdu fost iċ-ċittadini l-utilizzazzjoni tas-sistema PEGI.